MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 146/2005

**Melita Power Diesel Limited (C23376)**

**Vs**

**Stephen Micallef (K.I. 362463M) ezercenti l-kummerc bhala "Stephen Boat Care"**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf sitt mija tmienja u ghoxrin lira u sitta u erbghin centezmu (Lm1628.46,0), liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal Lm48.00,0 skond fattura datata 27 ta' Gunju 2003 (kopja dok A annessa mal-avviz) u (b) kwantu ghal Lm1580.46,0 skond fattura ohra datata 28 ta' Awissu 2003 (kopja dok B anness mal-avviz), dan kollu in relazzjoni ma' diversi xogholijiet u servizzi skond kif elenkati fil-fatturi rispettivi.

Bl-ispejjez tal-avviz u ta' l-ittra nterpellatorja ta' t-8 ta' Marzu 2005 (kopja dok C anness mal-avviz) u bl-imghaxijiet mid-dati ta' hrug ta' l-fatturi sa' d-data ta' l-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz markati minn "A" sa "C"  a fol 2 sa fol 5 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-6 ta' Gunju 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma globali ta' Lm1628.46,0 bl-imghax legali fuq Lm48.00,0 dovut mis-27 ta' Gunju 2003 sad-data tal-pagament effett u dak fuq Lm1580.46,0 mit-28 ta' Awissu 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tat-8 ta' Marzu 2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------